# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 24 ta' April, 2001 .

### Citazzjoni numru : 4/01G1(PC)

**Paola Spiteri .**

vs

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :**

**Illi l-att tat-twelid taghha, liema att tat-twelid igib in-numru progressiv ta' mitejn u sitta u tletin (236) tas-sena elf disa' mija u erbghin (1940), hawn esebit u markat bhala Dokument "A" huwa zbaljat fl-ewwel kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom" u dana peress illi missierha kien jismu "Salvatore" u mhux "Saviour" u kunjomha kien "Pace" u mhux "Borg" .**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:**

1. **Tordna korrezzjoni tal-istess att tat-twelid hawn fuq imsemmi numru mitejn sitta u tletin tas-sena elf disa' mija u erbghin (236/1940) hawn esebit bhala dokument "A" billi fl-ewwel kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom" minflok l-isem "Saviour" jidhol l-isem "Salvatore sive Saviour" u jigi kkancellat il-kunjom "Borg" u minflok jidhol il-kunjom "Pace" .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici minnha kkonfermata skond il-ligi .**

**Rat ic-certifikat anness bhala dokument "A" .**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li ppremetta :**

1. **Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba . Salv li jkunu l-ahjar u ammissibbli skond il-ligi .**

2. **Illi huwa m'ghandux ibati spejjez .**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament ikkonfermata bil-gurament minn Nutara Dr. Mary Debono Borg skond il-ligi .**

**Semghet lill-attrici tikkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni .**

**Il-Qorti, ghal hekk u peress li jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, u**

1. **Tordna korrezzjoni tal-att tat-twelid hawn fuq imsemmi numru mitejn sitta u tletin tas-sena elf disgha mija u erbghin (236/1940) billi fl-ewwel kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom" minflok l-isem "Saviour" jidhol l-isem "Salvatore sive Saviour" u jigi ikkancellat il-kunjom "Borg" u minflok jidhol il-kunjom "Pace" .**

**In vista tan-natura ta' din il-kawza m'ghandux ikun hemm spejjez .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S401Pc
349